Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,715, 8 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 382 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 8) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465.54.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2021:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara d-9 ta' Ottubru, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-raba' proviso għar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Iżda wkoll xorb alkoħoliku għandu jiġi servut biss mal-ikel." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda wkoll xorb alkoħoliku għandu jiġi servut biss mal-ikel:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll dawk il-*bars*, każini, ristoranti, *snack bars* u *kiosks* li jagħżlu li jipprovdu servizz ġewwa l-istabbilimenti rispettivi tagħhom biss għal dawk il-klijenti li jkollhom fil-pussess tagħhom ċertifikat tat-tilqim għandhom isegwu l-istandards maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.".